sem&u

Diċembru 2018
Ħarġa nru 10

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

# San Alwiġi Gonzaga

## 450 sena minn twelidu...

**Ħajtu fil-qosor**

San Alwiġi Gonzaga twieled ġewwa Castiglione delle Stiviere qrib Mantova fil-Lombardija ġewwa l-Italja, fid-9 ta' Marzu tal-1568. Kien l-ewwel iben tal-Markiż ta' Castiglione u għalhekk kien imrobbi bħala suldat biex eventwalment jieħu post missieru bħala Markiż.

Kien marradi u sa minn età bikrija kien isofri mill-mard tal-kliewi. Irċieva l-Ewwel Tqarbina mill-Isqof San Karlu Borromeo. Alwiġi minn dejjem wera sinjali ta' qdusija. Fl-età ta' disa' snin għamel vot privat ta' kastità u kien jgħaddi ħafna ħin fit-talb u l-qari spiritwali. Kontra r-rieda tal-familja tiegħu, Alwiġi wera x-xewqa li jidħol mal-Kumpanija ta' Ġesù. Għalkemm, għall-ewwel missieru żammu milli jagħmel dan, kontra qalbu ħallieh jagħmel li jrid. Ċaħad it-titlu u l-wirt tiegħu u fil-25 ta' Novembru 1585 daħal fin-novizzjat tal-Ġiżwiti ġewwa Ruma.

Fl-1591, ġewwa Ruma faqqgħet l-pesta. Il-Ġiżwiti fetħu sptar għal dawk li kienu milquta minn din l-epidemija. Għalkemm bosta minnhom sfaw vittmi ta' din il-marda qerrieda, Alwiġi ma qatax qalbu u aktar ingħata b'ruħu u ġismu biex idur bil-morda tal-pesta. Fl-aħħar laqqat il-marda hu wkoll. Miet fil-21 ta' Ġunju 1591 wara li rċieva s-Sagramenti Mqaddsa, fl-età ta' 23 sena. Ir-relikwi tiegħu jinsabu fil-knisja ta' San Injazju ġewwa Ruma.

Ġie kkanonizzat mill-Papa Benedittu XIII fl-1726 u huwa patrun tal-istudenti, taż-żgħażagħ u ta' dawk morda bl-AIDS. San Alwiġi huwa qaddis li jgħallimna l-virtù tas-safa' u tal-kastità, jiġifieri li nuru mħabba awtentika lejn l-oħrajn. Jgħallimna wkoll li r-rabta mal-ġid tad-dinja ma timliex il-vojt li jinsab f'qalbna; dan jista' jimlieh Alla biss.



*Pittura li tinsab fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex*

**Talba lil San Alwiġi Gonzaga**

O Alla, li minnek ġej kull don tas-sema, inroddulek ħajr u nfaħħruk għax fil-qaddis tiegħek San Alwiġi, int tajtna eżempju ta' kif ngħixu ta' Nsara qaddisa.

Int ridt li San Alwiġi jkun għalina eżempju ta' kastità: agħmel li bħalu aħna nuru mħabba lejn ħutna f'dak li nħossu, ngħidu u nagħmlu.

Int ridt li San Alwiġi jkun għalina eżempju ta' safa': agħmel li miegħu nkunu safja fil-qalb tagħna sabiex xejn ma jbiegħedna minnek.

Int ridt li San Alwiġi jkun għalina eżempju ta' faqar: agħmel li nagħrfu li l-għana veru jinsab fik u mhux fil-ġid tad-dinja.

Bl-interċessjoni tiegħu, nitolbuk: kompli agħti lill-Knisja żgħażagħ li bħalu jwiegbu b'ferħ għas-sejħa li int tagħmlilhom u li jagħtu ħajjithom għall-għalqa tal-ħsad tiegħek.

Bi Kristu Sidna. Ammen

# Beata Virgo

Għal diversi raġunijiet il-festi tal-Milied tul iż-żmien ispiraw mużika mill-isbaħ, mill-għanjiet sempliċi u ħelwin li nitgħallmuhom sa minn meta nkunu żgħar, għal kapulavuri kbar ta' mużika klassika jew ta' polifonija sagra. Rigward il-polifonija sagra, ma jgħaddix Milied li ma nismax l-O Magnum Mysterium tal-kompożitur Amerikan Morten Lauridsen. Din l-antifona tgħid hekk: "O misteru kbir u sagrament tal-għaġeb, li l-annimali jistgħu jaraw lil Mulej imwieled, mimdud f'maxtura. Imbierka dik il-Verġni li ġufha kien jistħoqqlu jġorr lill-Mulej, Ġesù Kristu, Alleluja!".

Din l-antifona antika, oriġinarjament biċċa kant Gregorjan, immużikata minn kompożituri kbar bħal Giovanni Pierluigi da Palestrina, Giovanni Gabrieli, u Tomas Victoria, reġa' qabadha f'idejh Lauridsen fl-1994. Fl-ewwel snin tas-seklu tagħna, din il-biċċa waslet għand diversi korijiet Ingliżi u (m'għandniex xi ngħidu!) bdiet il-kompetizzjoni bejniethom min se jagħti l-iktar interpretazzjoni sublimi. Fuq YouTube tista' ssib diversi interpretazzjonijiet mill-isbaħ.

Il-mużika sabiħa għadna l-qawwa li ġġib lill-bniedem f'sintonija waħda: il-moħħ, il-qalb, ir-rieda, l-immaġinazzjoni, l-ispirtu u l-ġisem – li ħafna drabi fil-ħajja ta' kuljum ikunu min naħa, min oħra, u min oħra... – waqt il-mużika sabiħa jiġu kollha flimkien (bħalma jiġu flimkien il-vuċijiet different f'armonija waħda). Din il-mużika sublimi ta' Lauridsen fis-6 minuti tagħha ddewwaqni l-essenza tal-Milied: il-misteru ta' kif Alla tbaxxa' biex jiltaqa' mal-bniedem tant li anki l-bhejjem setgħu jarawh u jindunaw bih, u l-ikbar ħaġa li għamlet Marija – li ġarret lil Ġesù u tatu lid-dinja.

Marija ġġorr lil Ġesù f'ġisimha u tagħtih lid-dinja hija u twelldu. Din ta' Marija ma kinitx *surrogate motherhood*. "Il-maternità divina kienet tkun bla ebda valur għaliha, kieku lil Kristu ma nisslitux ġewwa qalbha, b'hena u b'xorti ikbar minn meta nisslitu ġewwa f'ġisimha." (Santu Wistin, De Verginitate Liber Primus, 3). Alla jsejjaħ lil Marija, u hi taċċetta għandha lil Ibnu, u twasslu lid-dinja, lill-oħrajn. Mhux darba, imma dejjem.

F'din is-Sena Marjana li qed niċċelebraw f'Għawdex kemm hu sabiħ li anki aħna nerġgħu nħossuna bħal Marija fil-Milied: inħossu lil Ġesù ħaj ġo fina u nwassluh għall-oħrajn. Għax l-oħrajn għandhom bżonnu! Żewġ seminaristi tas-snin 90 jirrakkuntaw meta marru Londra jagħmlu ġimgħat volontarjat mas-Sorijiet ta' Madre Tereża ta' Kalkutta. Darba kellhom id-*day off* tagħhom u qabel ħarġu biex imorru jduru dawra Londra staqsew lil waħda mis-Sorijiet jekk għandhomx bżonn li jixtrulhom jew iġibulhom xi ħaġa. Dlonk weġbithom f'forma ta' talba: "Bring me Jesus".



Jalla aħna s-saċerdoti nerġgħu nisimgħu din it-talba mingħand kull min niltaqgħu miegħu. U nitolbu għas-seminaristi tagħna sabiex dejjem iktar lil Ġesù jħossuh ħaj fihom, u b'konsegwenza t'hekk iħossu l-urġenza li jwellduh lid-dinja, lill-oħrajn.

Il-Milied it-Tajjeb!

Dun Gabriel Gauci
*Viċi-Rettur*

## *Il-Komunità...*

**Tagħti merħba lis-Seminaristi l-ġodda:** Samuel Aquilina (mill-Parroċċa ta' San Ġorġ), Matthew Attard (mill-Parroċċa tax-Xewkija), Marlon Victor Bajada (mill-Parroċċa Ta' Kerċem), Ġorġ Pisani (mill-Parroċċa ta' San Ġorġ) u Carlos Vargas (mill-Vigarjat Appostoliku ta' Izabal).

**Tirringrazzja** lilkom, il-benefatturi għall-għajnuna materjali u spiritwali tagħkom. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

Il-Komunità tas-Seminarju tawgura
*l-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha.

# Mill-Għatba ’l Ġewwa...

Il-komunità tas-Seminarju reġgħet iltaqgħet wara l-vaganzi tas-Sajf, għal sena oħra ta’ formazzjoni nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Settembru.







Il-Ħadd 23 ta’ Settembru l-komunità tas-Seminarju telqet lejn il-monasteru Benedittin *Holy Cross*, li jinsab f’*Rostrevor* fl-Irlanda ta’ Fuq, fejn sar **l-irtir tal-bidu tas-sena**. L-irtir tmexxa minn Fr Thierry Marteaux OSB. L-irtir ġie fi tmiemu nhar il-Ġimgħa 28 ta’ Settembru. Wara l-irtir saru żjarat lill-komunità tas-Seminarju ta’ *Maynooth* u postijiet oħra ta’ interess f’Dublin. Il-komunità tas-Seminarju rritornat lura nhar is-Sibt 29 ta’ Settembru.

Nhar il-Ġimgħa 5 ta’ Ottubru ngħata **bidu uffiċjali għas-sena formattiva**, permezz tal-Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.



Nhar is-Sibt 13 t’Ottubru sar *seminar* dwar it-tema tas-sena (Mk 4:1-20) mmexxi minn Dun Noel Debono.

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja, li bdiet nhar it-Tnejn 15 t’Ottubru, ġew organizzati diversi attivitajiet, fosthom *talk* lill-istudenti tal-istitut Sir Michelangelo Refalo Sixth Form, kif ukoll laqgħa lill-istudenti kollha tas-Seminarju Minuri, bit-tema: *Int Missjunarju?*

Nhar l-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018, f’laqgħa ta’ formazzjoni, ġie rregalat lis-Seminarju *Automated External Defibrilator* – ***AED***, mis-*CCU Foundation*. F’din il-laqgħa, is-Sur George Bonello wera kif wieħed jagħmel *Cardiopulmonary resuscitation* b’mod manwali u anke bl-AED.



Nhar il-Ħadd 28 ta’ Ottubru l-komunità tas-Seminarju għamlet ġest ta’ karità billi marret **tagħti d-demm** fil-berġa tax-Xewkija.




Bejn il-Ħamis 1 u l-Ġimgħa 2 ta’ Novembru, bħalma jagħmlu ta’ kull sena, is-seminaristi flimkien mal-*formators*, marru mixja li hi magħrufa bħala ***Lungo Passeggio***. Din is-sena din il-mixja saret matul il-lejl lejn l-inħawi tal-Punent ta’ Għawdex.





Nhar il-Ġimgħa 2 ta’ Novembru, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, saret adorazzjoni speċjali f’rabta mal-**152 anniversarju mill-ftuħ tas-Seminarju**. Dakinhar ġie wkoll ippreżentat il-Kurċifiss (sek. XVII-XVIII) li dan l-aħħar intbagħat għal xogħol ta’ konservazzjoni u restawr. Il-Kurċifiss ġie mqiegħed fir-Refettorju tas-Seminarju.

Nhar il-Ħamis 8 ta’ Novembru, l-E.T. Mons. Corrado Lorefice, Arċisqof ta’ Palermo, żar is-Seminarju fejn iltaqa’ mal-*formators* u s-seminaristi. Aktar tard huwa mexxa l-adorazzjoni ta’ filgħaxija u wara baqa’ magħna għaċ-ċena.



Bejn is-Sibt 10 u l-Ħadd 11 ta’ Novembru l-komunità inġabret fid-dar tas-sorijiet Salesjani f’Marsalforn għal ***Human Formation Weekend***. Dan tmexxa mill-psikologa Dr Marlene Cauchi. It-tema ta’ dan il-*weekend* kienet ir-relazzjonijiet.

Nhar is-Sibt 17 ta’ Novembru saret l-ikla tradizzjonali ta’ **San Martin** bil-għajnuna tal-*Aħwa Ħbieb tas-Seminarju* u ta’ diversi voluntiera oħra.

Nhar l-Erbgħa 21 ta’ Novembru saret laqgħa ta’ formazzjoni dwar il-kura tal-ambjent immexxiha minn Mary Mercieca.

Nhar il-Ħamis 22 ta’ Novembru s-seminaristi ħadu sehem fiċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana għat-tfal tal-*years* 4, 5 u 6 fl-okkażjoni tal-**festa ta’ Kristu Re**. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni sar att ta’ karità fejn it-tfal offrew ikel u affarijiet oħrajn b’risq is-Seminarju.

Nhar il-Ħadd 25 ta’ Novembru s-seminaristi għamlu servizz waqt il-Manifestazzjoni djoċesana ta’ Kristu Re fis-Santwarju tal-Madonna Ta’ Pinu, li fiha nfetħet **is-Sena Djoċesana Marjana**.

Bejn il-Ħadd 25 ta’ Novembru u s-Sibt 1 ta’ Diċembru, saret **il-Ġimgħa *Outreach*** mis-Seminarju fil-Parroċċa ta’ San Pietru u San Pawl, in-Nadur. F’din il-ġimgħa s-seminaristi żaru lill-familji tal-abbatini, tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u tal-istudenti tal-Griżma tal-Isqof. Barra minn hekk żaru wkoll l-Iskola Primarja tan-Nadur, l-oqsma tal-MUSEUM u anke ċ-Ċentru Parrokkjali.

Nhar is-Sibt 1 ta’ Diċembru ngħata bidu għas-sena liturġika ġdida permezz tat-Tħabbira tal-Avvent mir-Rettur.

Nhar is-Sibt 1 ta’ Diċembru filgħaxija, **is-seminarista Mario Mercieca** ġie mogħti **l-ministeru tal-akkolitat** minn idejn l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech ġewwa l-Bażilika ta’ San Pietru u San Pawl fin-Nadur.



Bejn it-Tnejn 3 u is-Sibt 8 ta’ Diċembru saret **Ġimgħa Marjana** f’rabta mas-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjon. F’din il-ġimgħa saru diversi funzjonijiet liturġiċi fil-kappella tas-Seminarju, fosthom tliet meditazzjonijiet dwar Ommna Marija minn Dun Roberto Gauci.



**Attivitajiet tal-Milied**...fost dawn wieħed isemmi l-attività tal-abbatini u għall-gruppi tal-vokazzjonijiet, il-quddiesa fl-għar u fl-aħħar, quddiesa u festin tal-Milied flimkien mal-familjari tas-seminaristi, nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Diċembru.